MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 491/2014

**GO p.l.c**
**C 22334**

**Vs**

**Ballard Diane Gillian**
**ID 67510A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€750.76) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40194740 moghtija mis-socjeta' attrici skont d-dokumenti annessi u mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvneuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' seba' mija u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€750.76) bl-imghax mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-kawza, jkunu a karigu tal- konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------